A.L. 23 ta' l-1996

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR
(KAP. 261)

Ordni ta' l-1996 dwar l-Awtorità tad-Djar
(Trasferiment ta' Proprjetà)

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1996 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mis-16 ta' Jannar, 1996.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Biċċa art li tagħmel parti mill-Qasam tal-Bini tal-Gvern ta' Bubaqra, fi Triq l-Imtali, limiti Żurrieq, tal-kejl ta' madwar 3,733 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' Triq San Porfirju, mix-Xlokk ma' Triq l-Arċipriet E. Mifsud u mill-Punent ma' Triq l-Imtali, delineata bl-aħdar fuq L.D. 109/95/1.

(2) Id-dar bin-numru 105, Bini tal-Gvern fi Pjazza Raħal il-Ġdid, Raħal il-Ġdid (Tenement No. 63961).

(3) Żewġ blokkijiet ta' 20 *maisonette* u 20 *garage* fi Triq il-Kosbor fil-Qasam tad-Djar f'Taż-Żonqor, Marsaskala, li jinsabu kif ġej:—

(a) Blokk minnhom jikkonsisti f'erba' *maisonettes* li lkoll għandhom dħul minn bieb estern separat mhux uffiċjalment enumerati 1 sa 4 fi triq mingħajr isem. L-istess blokk jinkludi wkoll erba' *garages* (sottostanti f'parti

minnhom għall-*maisonettes* imsemmija) li lkoll għandhom dħul minn bieb estern separat mhux uffiċjalment enumerati 1 sa 4 fi Triq il-Kosbor.

(b) Il-blokk l-ieħor jikkonsisti f'16-il *maisonette* li lkoll għandhom dħul minn bieb estern separat mhux uffiċjalment enumerati 5 sa 20 fi triq mingħajr isem. L-istess blokk jinkludi wkoll 16-il *garage* (sottostanti f'parti minnhom għall-*maisonettes* imsemmija) li lkoll għandhom dħul minn bieb estern separat mhux uffiċjalment enumerati 5 sa 20 fi Triq il-Kosbor.

Il-blokk sħiħ ta' *maisonettes* u *garages* enumerati 1 sa 4 imsemmi hawn aktar qabel ilkoll imissu mill-Grigal ma' Triq il-Kosbor, u mix-Xlokk u Lbiċ ma' triq pubblika.

Il-blokk sħiħ l-ieħor ta' *maisonettes* u *garages* enumerati 5 sa 20 imsemmi hawn aktar qabel ilkoll imissu mill-Grigal ma' Triq il-Kosbor, mill-Majjistral u Lbiċ ma' triq pubblika.

Dawn il-*maisonettes* Nri. 1 sa 20 u *garages* Nri. 1 sa 20 jinsabu delineati bl-aħmar fuq L.D. 37/89/2.

(4) Blokk li jikkonsisti f'24 *maisonette/flat* u 26 *garage* fi Triq il-Mitħna l-Ġdida, Qasam tad-Djar Ta' Pennellu, Mellieħa, li jinsabu kif ġej:—

(a) Żewġ *maisonettes/flats* li għandhom dħul minn bieb intern enumerati 1 u 2 li għandhom entratura komuni mingħajr numru fi Triq il-Muna. Tliet *garages* li lkoll għandhom dħul minn bieb estern separat li mhux uffiċjalment enumerati 1 sa 3 fi Triq il-Mitħna l-Ġdida u li huma f'parti minnhom sottostanti għall-*maisonettes/flats* numri 1 u 2.

(b) Erba' *maisonettes/flats* li għandhom dħul minn bieb intern enumerati 3 sa 6 li għandhom entratura komuni mingħajr numru fi Triq il-Mitħna l-Ġdida. Erba' *garages* li lkoll għandhom dħul minn bieb estern separat li mhux uffiċjalment enumerati 4 sa 7 fi Triq il-Mitħna l-Ġdida u li huma f'parti minnhom sottostanti għall-*maisonettes/flats* numri 3 sa 6.

(ċ) Erba' *maisonettes/flats* li għandhom dħul minn bieb intern enumerati 7 sa 10 li għandhom entratura komuni mingħajr numru fi Triq il-Mitħna l-Ġdida. Erba' *garages* li

lkoll għandhom dħul minn bieb estern separat li mhux uffiċjalment enumerati 8 sa 11 fi Triq il-Mitħna l-Ġdida u li huma f'parti minnhom sottostanti għall-*maisonettes/flats* numri 7 sa 10.

(d) Erba' *maisonettes/flats* li għandhom dħul minn bieb intern enumerati 11 sa 14 li għandhom entratura komuni mingħajr numru fi Triq il-Mitħna l-Ġdida.

(e) Erba' *garages* li lkoll għandhom dħul minn bieb estern separat li mhux uffiċjalment enumerati 12 sa 15 fi Triq il-Mitħna l-Ġdida u li huma in parti sottostanti għall-*maisonettes/flats* enumerati 11 sa 14.

(f) Erba' *maisonettes/flats* li għandhom dħul minn bieb intern enumerati 15 sa 18 li għandhom entratura komuni mingħajr numru fi Triq il-Mitħna l-Ġdida. Erba' *garages* li lkoll għandhom dħul minn bieb estern separat li mhux uffiċjalment enumerati 16 sa 19 fi Triq il-Mitħna l-Ġdida u li huma in parti sottostanti għall-*maisonettes/flats* enumerati 15 sa 18.

(ġ) Erba' *maisonettes/flats* li għandhom dħul minn bieb intern enumerati 19 sa 22 u li għandhom entratura komuni mingħajr numru fi Triq il-Mitħna l-Ġdida.

(ħ) Erba' *garages* li lkoll għandhom dħul minn bieb estern separat li mhux uffiċjalment enumerati 20 sa 23 fi Triq il-Mitħna l-Ġdida u li huma sottostanti f'parti minnhom għall-*maisonettes/flats* enumerati 19 sa 22.

(i) Żewġ *maisonettes/flats* li għandhom dħul minn bieb intern enumerati 23 u 24 li għandhom entratura komuni mingħajr numru fi triq mingħajr isem 'l hinn minn Triq il-Mitħna l-Ġdida.

(j) Tlett *garages* li lkoll għandhom dħul minn bieb estern separat li mhux uffiċjalment enumerati 24 sa 26 fi Triq il-Mitħna l-Ġdida u li huma f'parti minnhom sottostanti għall-*maisonettes/flats* enumerati 23 u 24.

Il-blokk sħiħ ta' *maisonettes/flats* enumerati 1 sa 24 u *garages* enumerati 1 sa 26 hawn qabel imsemmija lkoll flimkien imissu mill-Grigal ma' Triq il-Mitħna l-Ġdida, mix-Xlokk ma' Triq il-Muna u mil-Lbiċ ma' passaġġ pubbliku.

Dawn il-*maisonettes/flats* enumerati 1 sa 24 u *garages* enumerati 1 sa 26 jinsabu delineati bl-aħmar fuq L.D. 383/91/4.

(5) Blokk li jikkonsisti fi 32 *maisonette* fi Triq il-Vanilja, Qasam tad-Djar, Mġarr, li jinsabu kif ġej:—

(a) 16-il *maisonette* li lkoll għandhom dħul minn bieb estern separat li mhux uffiċjalment enumerati 1 sa 16 fi Triq il-Vanilja.

(b) 16-il *maisonette* li lkoll għandhom dħul minn bieb estern separat li mhux uffiċjalment enumerati 17 sa 32 fi triq mingħajr isem.

Il-blokk shiħ ta' *maisonettes* hawn qabel imsemmija ilkoll flimkien imissu minn Nofs-in-Nhar ma' Triq il-Vanilja, mit-Tramuntana ma' triq u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern.

Dawn il-*maisonettes* enumerati 1 sa 32 jinsabu delineati bl-aħmar fuq L.D. 168/88/7.

(6) Blokk li jikkonsisti f'hames *maisonettes* u hames *garages* fi Triq Achille Ferris, Żebbuġ, Malta, li jinsabu kif ġej:—

(a) Erba' *maisonettes* li lkoll għandhom dħul minn bieb estern separat li mhux uffiċjalment enumerati 1 sa 4 fi Triq Achille Ferris. *Garage* li għandu dħul minn bieb estern separat li mhux uffiċjalment enumerat 1 fi Triq Achille Ferris u li jinsab f'parti minnu sottostanti għall-*maisonette* numru 2.

(b) *Garage* li għandu dħul minn bieb estern separat li mhux uffiċjalment enumerat 2 fi Triq Achille Ferris u li jinsab f'parti minnu sottostanti għall-*maisonette* numru 3.

(ċ) *Maisonette* li għandu dħul minn bieb estern separat li mhux uffiċjalment enumerat 5 fi triq mingħajr isem 'l hinn minn Triq Achille Ferris.

(d) Tlett *garages* li għandhom dħul minn bieb estern separat li mhux uffiċjalment enumerati 3 sa 5 fi triq mingħajr isem 'l hinn minn Triq Achille Ferris u li qegħdin sottostanti għall-*maisonette* numru 5.

Il-blokk shih ta' *maisonettes* u *garages* imsemmija hawn aktar qabel imissu mill-Grigal ma' Triq Achille Ferris, mill-Majjistral ma' triq pubblika u mix-Xlokk f'parti ma' proprjetà tal-Gvern u f'parti ma' proprjetà ta' G. Bugeja.

Dawn il-*maisonettes* enumerati 1 sa 5 u *garages* enumerati 1 sa 5 jinsabu delineati bl-aħmar fuq L.D. 202/95.

(7) Blokk li jikkonsisti fi tmien *maisonettes* u tmien *garages* fi Triq Widnet il-Baħar, Qasam tad-Djar tan-Nigret, Żurrieq, li jinsabu kif ġej:—

(a) Tmien *maisonettes* li lkoll għandhom dħul minn bieb estern separat li mhux uffiċjalment enumerati 1 sa 8 fi Triq Widnet il-Baħar, li jinkludu wkoll ġnien fuq quddiem li jikkonsisti f'turġien li jwasslu għal dawk il-*maisonettes*.

(b) Tmien *garages* sottostanti li lkoll għandhom dħul minn bieb estern separat li mhux uffiċjalment enumerati 1 sa 8 fi Triq Widnet il-Baħar, li jinkludu wkoll ġnien fuq quddiem li jikkonsisti f'rampa li twassal għal dawk il-*garages*.

Il-blokk shih ta' *maisonettes* u *garages* hawn iktar qabel imsemmija ilkoll flimkien imissu mix-Xlokk ma' Triq Widnet il-Baħar, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Paul Farrugia, u mill-Grigal f'parti ma' proprjetà ta' Alfred Farrugia, f'parti ma' proprjetà ta' Joseph Mary Muscat u f'parti ma' proprjetà ta' Joseph u Mary Carmen Micallef.

Dawn il-*maisonettes* enumerati 1 sa 8 u *garages* enumerati 1 sa 8 jinsabu delineati bl-aħmar fuq L.D. 198/81/15.